**Minuti tat-33 laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ħamis 16 ta' April, 2015 u li bdiet fil-5.10 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Is-Sur Philip Vella |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sinjura Frances Galea |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| **Uffiċċjali:** | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| **Ambaxxatur taż-żgħażagħ:** | Is-Sur Eric Gauci (kien skużat) |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-laqgħa bdiet fil-5.10 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, nqraw l-Minuti tal-laqgħa ta' qabel, Nru. 32 – 8 u dawn ġew ikkoreġuti w approvati unanimament mill-Kunsill.

Fil-5.20 p.m., il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana daħlet għal din il-laqgħa 10 minuti tard minnħabba raġunijiet personali.

## 2. Offerta dwar il-Ġbir tal-iskart domestiku (offerta konġunta mall-Kunsilli Lokali tax-Xagħra u tax-Xewkija)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li l-offerti għal ġbir tal-iskart domestiku konġunt mall-Kunsilli Lokali tax-Xagħra u tax-Xewkija nġabru u għalqu fil-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2015, fil-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Il-ftuħ ta' din l-offerta sar dak inhar stess u kienu preżenti l-Viċi Sindku Frances Galea mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat, il-Kunsillier Victor Zammit mill-Kunsill tax-Xagħra, il-Kunsillier Domnic Zerafa mill-Kunsill tax-Xewkija u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat fejn saret l-iskeda ta' dawn l-offerti mixħuta

li kienu tnejn dik ta' K.I.P. Għawdex Ltd u dik ta' Sharlon Mercieca li ma' preżentatx bid bond. Nhar it-Tnejn 6 ta' April 2015, l-bord tal-għażla li kien kompost mill-Avukat Joshua Grech, Is-Sur Mark Formosa, u t-tlett Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli rispettivi s-Sur Jason Curmi – Kunsill Lokali Ta' Sannat, Is-Sur Ivan Attard – Kunsill Lokali Ix-Xagħra u s-Sinjura Sue-Ellen Bugeja – Kunsill Lokali Ix-Xewkija ltaqgħu biex jaġġudikaw dawn l-offerti fejn sar rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv qara dan r-raport magħmul mill-bord kompost fejn intqal li l-unika offerta valida hi dik ta' K.I.P. Għawdex Ltd. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla qal lill-Kunsill li l-prezzijiet ser jogħlew 1% kull sena minn dawk li huma fil-preżent. Il-Kunsill qabel ma dan u s-Segretarju Ezekuttiv għandu jara meta se jibda dan il-kuntratt il-ġdid bi ftehim maż-żewġ Kunsilli l-oħra peress li dak tax-Xagħra għandu l-elezzjoni tal-Kunsill u l-kuntratt il-ġdid irid jibda meta t-tlett Kunsilli jiddeċiedu b'dan biex isir kuntratt wieħed. Għalhekk il-Kunsill Lokali Ta' Sannat se jkompli bil-kuntratt preżenti sakemm isir dan. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 3. Offerta tal-Provista u nstallazzjoni tal-għamara fi Pjazzetta tax-Xelina (Miżura 313)

Is-Sindku nforma lill-Kunsill u ta' spegazzjoni dwar ix-xogħlijiet tal-proġett li qed isiru taħt Miżura 313 (2nd call) fuq il-Pjazzetta tax-Xelina u l-kanali tal-ilma tax-xita li għall-offerta ta' dan ix-xogħol ingħatat lill-Gatt Tarmac Ltd. u li x-xogħolijiet mexjin b'ritmu tajjeb u li l-ħaddiema qed ikunu fuq il-post kuljum. It-triq qed tkun magħluqa biex il-Kunsill jevita kull periklu li jista jinqala'. Il-Kunsillier Bajada staqsa jekk dan ix-xogħol hux ser ikun lest sa l-aħħar ta' Mejju kif stipulat fil-kuntratt peress li l-istess Kuntrattur għandu diversi xogħolijiet mibdija madwar il-gzira Għawdxija, s-Sindku qal lill-Kunsill li hu bħala l-Project Leader għandu bilateral meeting mall-Paying Agency dwar din il-materja u jispera li x-xogħolijiet jsiru fil-ħin. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill illi parti mill-allokazzjoni ta din l-Miżura ġa daħlet fil-kont bankarju apposta tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur ġa għamel diversi spejjeż kbar f'dan il-proġett u l-kuntrattur talab lill-Kunsill biex jitħallas l-ewwel parti ta' l-ewwel fażi ta' dan il-proġett fosthom għall-pajpijiet u xogħolijiet ta' xibka u konkos fil-Pjazzetta. Il-Kunsill qabel ma dan il-ħlas sabiex il-Kuntrattur dejjem jiġi ċċentivat u jkompli biex xogħol. L-Għaqda tal-Armar talbet lill-Kunsill biex jerġgħu jsiru t-toqob il-kien hemm għall-armar tal-festa f'din il-pjazzetta u jinxtraw 4 covers apposta għal dawn il-ħofor ta' dan l-armar, l-Kunsill qabel ma din it-talba u għandhom jinxtraw dawn il-covers u jingħataw lill-istess kuntrattur sabiex jitwaħħlu fil-post. Is-Sindku qal li s-Sur Theragot qed jilmenta peress li krejns u t-trakkijiet qed iħokku mall-gallerija tiegħu li hemm fl-istess pjazzetta. Is-Sindku qal li din hi xi ħaġa li l-Kunsill ma għandux kontroll fuqha peress li hija r-resposabbilta' ta min ikun għaddej u jsuq dawn il-vetturi.

Dwar it-tender tal-offerta tal-provista u nstallazzjoni tal-għamara fi Pjazzetta tax-Xelina (Miżura 313) l-offerta għalqet fil-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa 10 ta' April, 2015. Is-Segretraju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien hemm ħafna aktar rikjest għal din l-offerta minn diversi kumpaniji u ndividwi differenti, biss din l-offerta nxtrat biss minn tnejn u li kien wieħed biss li xeħet l-offerta. L-offerti mixħuta fil-kaxxa apposta nfetħu dak inhar stess tal-egħluq ta' din l-offerta fejn preżenti kien hemm il-Viċi Sindku Frances Galea u l-Kunsillieri Joseph Bajada, Margaret Said u s-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm preżenti wkoll rappreżentant tal-kumpanija li xeħtet din l-offerta. Il-Bord tal-evalwazzjoni għal din l-offerta kien kompost mill-Avukat tal-Kunsill Dott. Larry Formosa bħala ċ-Chairman, l-Perit Brian Curmi, il-Perit Gordon Vella, mis-Sindku - Project Leader Philip Vella u bħala uffiċjal tal-bord is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill li ltaqgħu nhar it-Tnejn 13 ta' April 2015, fejn sar rapport

tal-adġudikazzjoni ta' din l-offerta. Is-Segretarju Eżekuttiv qara' dan ir-rapport tal-bord. Il-Kunsill qabel li din l-offerta għandha terġa toħroġ b'lots separati biex dak li jkun, jkun jista joffri aktar prodotti bi prezzijiet varji u l-Kunsill ikollu aktar għażla u jekk ikun hemm l-bżonn il-Kunsill Lokali jitlob għal aktar fondi mill-EARDF, ġara li f'din l-offerta mixħuta kien hemm valur ta' kemm trid tkun din l-offerta u kien għalhekk li dak li jkun ma nteressaħx li jixtri t-tender. B'hekk individwi/kumpaniji jkunu jistgħu jitfgħu l-offerti tagħhom separatament. Fanali u nstallazzjoni għalijhom, bankijiet għalihom, u qsari għalihom jew jekk ikun irid għal kollha kemm hi. Il-Kunsill qabel li dak l-kuntrattur li xeħet l-offerta u li kienet għolja minn dak rikjest fit-tender għandu jerġa jingħata l-offerta b'xejn peress li hu kien ġa ħallas għal din l-offerta anke dak li ma xeħitx din l-offerta. Il-Kunsill għandu jara xi skrizzjoni ser issir fl-interpretation pannels f'din il-pjazzetta.

## 4. Il-Bajja ta' Mġarr ix-Xini

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ssa li daqt jibda l-istaġun tas-sajf u l-bajja ta' Mġarr ix-Xini terġa tibda tkun frekwentata minn ħafna turisti, residenti u barranin issir l-manutensjoni tal-għamara, railings, tabelli u sinjali f'din il-bajja. Ix-Xogħol tal-manutensjoni ser isir mill-ħaddiema tal-Beaches fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku ssuġġerixxa lill-Kunsill li issir laqgħa apposta mac-Chairman tal-MEPA peress li din il-bajja taqa' taħt Natura 2000 biex joħroġ permess għal parking temporanju fl-egħlieqi fil-wied, għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub biex jagħmel l-arranġamenti biex issir laqgħa maċ-Chairman tal-MEPA. Ġie ssuġġerit mill-Kunsilliera Maria Cassar Sultana li titwaħħal interpretation panel fejn tgħid li f'din il-bajja nħadem il-film "By the Sea" ta' Angolina Jolie u Brad Pitt. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ħaddiema tal-Public Cleansing mill-Ministeru għal Għawdex ser jintalbu biex jgħinu biex jinqata' l-ħaxix ħażin li hemm u peress li l-ħaddiema tal-ETC attached mall-Kunsill mhux qed itellgħu ħafna xogħol fil-qtugħ tal-ħaxix bl-imgħażqa u bl-idejn.

## 5. Sezzjonijiet tal-Aerobics

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sezzjonijiet tal-Aerobics intlaqgħu tajjeb ħafna u ġie mitlub biex dawn is-sezzjonijiet jkomplu sa qabel is-sajf. Il-Kunsill qabel ma dan u dawk li qed jattendu ser jerġgħu jiġu nfurmati dwar dan mill-uffiċċju u mill-Instructor.

## 6. Logħob mingħajr konfini

Is-Sindku qal lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-organizzaturi ta' dan il-logħob miż-żgħażagħ tal-lokalita' Ta' Sannat biex jerġa jsir bħas-sena l-oħra u fejn jsir il-final tiegħu ma' żagħażagħ ta' rħula oħrajn fi tmiem tas-sajf. Il-Kunsill qabel li dan il-logħob isir it-Tlieta 14 ta' Lulju 2015 fil-Pjazza ewlenija. Għanda ssir laqgħa apposta mall-organizzaturi.

## 7. Materja oħra

1. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmaw lill-Kunsill li saret laqgħa apposta flimkien mall-Perit tal-Kunsill u mall-Kuntratturi tal-proġett tal-Ġnien tal-Bidwi fuq il-post nhar is-Sibt 11 ta' April 2015, fis-2.30p.m. fejn attendew il-kuntratturi mitluba. Il-

Kuntrattur Lawrence Borg li għandu f'idejh il-kuntratt tat-tindif u l-manutensjoni ta' dan il-ġnien talab li jsir water irrigation biex it-tisqija lis-siġar issir faċilment. Il-Perit qal li dan ix-xogħol ma kienx inkluż fit-tender u għalhekk il-Kunsill għandu jaħseb għal dan. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab kwotazzjoni għal dan ix-xogħol. L-istess kuntrattur talab biex il-Kuntrattur Richard Cauchi jiċċekja l-pompa li hemm fil-ġibja f'dan il-ġnien. Il-Perit talab lill-Kuntrattur Mario Gatt f'isem Gatt Tarmac Ltd., biex issir cupboard fil-kamra fejn hemm il-points tad-dawl biex din tkun magħluqa u biex il-pipes li hemm mikxufa fejn il-kmamar mibnija għandhom jitgħatew biex ma jkunux jidhru, l-Kuntrattur għandhu jagħmel dan. Fil-ġnien instab li s-Solar Cameras mhux qed jaħdmu u mhux qed jiġi rrekordjat x'qed isir fil-ġnien, għalhekk għandha tintalab il-kumpanija Go p.l.c. biex tara jekk hemmx xi ħsarat. Inġibdet l-attenzjoni li l-metallic box tal-main valves tal-ilma għandha tiġi magħluqa, il-Kuntrattur Lawrence Borg offra li jdawwar ħajt tas-sejjieħ madwarha u tingħalaq b'xatba. Instab fanal miksur u dan ġie mitlub biex jinbidel mill-Kuntrattur Richard Cauchi bi ħlas. Il-Kuntrattur Mario Galea ta' Galea Curmi Engineering Consultant Ltd. ġibed l-attenzjoni li biex jiġi evitat kull tip ta' vandaliżmu titwaħħal tabella fuq barra ta' dan il-post li dan hu magħammar b'CCTV cameras kif fil-fatt hu. Inġibdet l-attenzjoni lill-Kuntrattur Lawrence Borg biex jara x'siġar hemm neqsin biex dawn jiġu mwaħħla mill-ġdid u biex jitranġaw l-wind breakers tal-qasab. Ġie nnotat ukoll li l-canvas tal-artwork tal-interpretational panels ġew idditerjorati bl-elementi tan-natura, il-Kunsill għandu jara x'jista jagħmel minflok.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex għal waqt is-serata ta' Jum Sannat u Premju Ġieħ Sannat ta' nhar is-Sibt 25 ta' April 2015 il-Kunsill jaħtar compere, il-Kunsill qabel li jitlob lil Kav. Joe M. Attard. Is-Segretarju ta' ukoll rendikont tal-field day li ser tiġi organizzata għat-tfal tal-iskola f'Jum Sannat nhar it-Tlieta 28 ta' April 2015, dwar ix-xiri ta' kotba għat-tfal, l-amont hu ta' €473.00ċ u għal frott u ilma l-amont hu madwar €70.00ċ. Il-Kunsill qabel ma din l-ispiża.

3. Is-Sindku semmha li d-data tal-Car Show b'risq Puttinu Cares ser ikollha ssir nhar il-Ħadd 31 ta' Mejju 2015 peress li l-Ħadd 7 ta' Ġunju 2015 se jkun hemm attivita' simili f'Malta u jekk issir oħra f'Għawdex ma jkunx hemm wisq parteċipanti. Il-Kunsill qabel ma dan.

4. Is-Sindku qal li mill-iskema tal-attivitajiet mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill applika għal "The Organ Festival" ibbenefika biss sal-lum il-Kunsill għadu ma jafx x'inhu l-ammont li rċieva. Malli l-Kunsill ikun jaf bl-ammont mgħoddi jibda jaħdem fuq din l-attivita'.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lill-Kunsill tlett kuntratti mall-GreenPak biex jerġgħu jiġu mġedda għal sena oħra. Dawn huma tal-iskart reċiklabli:

Door to door recyclable waste
Wasteserv Bring in Sites Collection
1100ltr Recycling Banks Collection

6. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Project Manager ta' Mġarr ix-Xini kiteb lill-Water Services Corporation dwar draft agreement li kellu jsir minn naħa tagħhom mall-Kunsilli Lokali Ta' Sannat u dak tax-Xewkija dwar il-pumping station fil-wied ta' Mġarr ix-Xini. Hu informahom ukoll li l-Onor Owen Bonnici l-Ministru responsabbli mill-Kultura u Kunsilli Lokali dwar l-iskema tal-proġetti tar-restawr. Il-Kumitat rega' semma' u staqsa lill-Kunsill li l-Cost Benefit Anaysis jekk il-Kunsill hux lest li jgħamlu. Il-Kunsill għandu jitlob stima għal dan.

7. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mis-Sinjura Salvina Curmi li ta' kull sena tieħu ħsieb li jiġi organizzat transport minn Ta' Sannat u lura kull nhar ta' Erbgħat għas-Santwarju Ta' Pinu għal ħmistax il-ġimgħa ssussidjat mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir dan.

8. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa mall-Kummissarju tal-Films ser issir nhar l-Erbgħa 22 ta' April 2015, fil-11.00 a.m. fl-uffiċċju tiegħu fil-Kalkara. Il-Viċi Sindku flimkien mall-Kunsillieri ma qablux li din il-laqgħa ssir f'Malta iżda għandha ssir fl-uffiċċju ta' Kunsill, għalhekk ġie mitlub lis-Segretarju Eżekuttiv biex jgħamel l-arranġamenti neċessarji biex din il-laqgħa ssir fl-uffiċċju tal-Kunsill.

9. Il-Kunsilliera Margaret Said nfurmat lill-Kunsill bil-programm għal ħarġa kulturali f'Malta li ser tiġi organizzata nhar l-Erbgħa 20 ta' Mejju 2015. L-uffiċċju għandu jipprepara l-avviż u l-biljetti għal din il-ħarġa. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 8. Ilmenti u suġġerimenti

1. Dr Tek Computers ta' Triq Vincenzo Caruana Spiteri qed jitlob li jsir Loading/Unloading space quddiem il-ħanut tiegħu. Il-Kunsill għandu jikteb lill-Transport Malta dwar dan.

2. Is-Sur Michael Cassar ta' Triq Durell qed jitlob biex titbaxxa l-bankina ta' quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel li jsir dan.

3. Is-Sinjura Renie Portelli ta' Triq it-Tempju tal-Imramma qed titlob li ssir sleeping police f'din it-triq. Il-Kunsill ma qabilx ma dan għaliex dawn ma għadhomx isiru.

## 9. Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gven Lokali

Memos tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali

Memo 6/2015 dwar Depożitar ta' Flus fil-Kont tal-Bank tal-Kunsill Lokali
Memo 7/2015 dwar Laqgħat tar-Reġjun

**10. Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 p.m., u l-Kunsill iddeċieda li laqgħa oħra ser isir nhar il-Ħamis 21 ta' Mejju 2015, fil-5.00 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**